MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Numru. 180/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**- vs -**

**CHARLIE ANDREW CORDINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLIE ANDREW CORDINA** ta' tnejn u tletin sena bin Alfred u Maria Jane nee Pace imwieled Sydney l-Awstralja nhar l-ewwel ta' Marzu 1971 u residenti 'St. Maria', Triq Gdida fi Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 160087M, billi f'isem il-Konrtollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer wara tfittxija li saret fil-fond Cordina Central Coffee House, Rabat, Ghawdex minn Ufficjali tad-Dwana u Pulizija nhar t-tlettax ta' Awissu 2003, instab li

f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qebel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositat ghandu flixken tax-xorb tal-litru tal-marka J&B Scotch Whisky, Smirnoff, Vodka Red u zewgt iflixken tal-litru Campari u dan bil-hsieb li jiffroda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, liema flixken tax-xorb ghandha valur totali ta' sebgha liri u sitta w erbghin centezmu bhala dazju skond in-nota ta' qbid numru 5/ 2004 liema flixken ghandhaom daznu tas-Sisa dovut ta' tlettax il-lira maltin u liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u li fuqhom kellha tithallas taxxa mposta u taxxa fuq l-valur mizjud , liema taxxa tammonta ghal tlett liri tmienja w sittin centezmu u tlett millezmi, liema taxxa ma giet imhallsa u/jew kawtelata.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-letter to prosecute tad-Dipartiment tal-VAT, l-letter to prosecute mill-Kontrollur tad-Dwana u l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-gustizzja dwar reati principalment kontra l-ligislazzjoni fiskali kif wkoll dwar numru ta' kontravenzjonijiet.

Rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hmistax ta' Ottrubru 2003 .

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-ewwel ta' April 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 80 tal-Att dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998), l-artikolu 60 (a)(b)(c)(k), artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k); Paragrafu (a) tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att XVI tas-sena 1995 dwar Dazju u Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk **fuq tali ammissjoni l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat CHARLES ANDREW CORDINA hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u**

**tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' wiehed u tletin lira u sittin centezmu (Lm31.60). Oltre dan tikkundannah ghal piena karcerarja ta' gimgha sospiza ghal sitt xhur.**

**Inoltre tordna l-konfiska tax-xorb esebit formalment f'dawn l-atti.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------